Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2011/C 178/11)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar tal-idrokarburi fiż-żona magħrufa bħala Breda-Maas.

Iż-żona tinsab fil-provinċji ta' Noord-Brabant u Limburg u hija maqsuma fi tliet sottożoni:

Subżona 1:

(a) Il-linja dritta bejn il-ponta 1 u l-intersezzjoni tal-linja dritta x = 115338,00 mal-linja dritta li tifforma l-linja medjana tax-xmara Amer, maġenb il-ponta 2;

(b) Imbagħad il-linja dritta bejn il-punt ta' intersezzjoni speċifikat f'(a) u l-ponta 3;

(c) Fl-aħħar nett il-linja dritta bejn il-ponta 1 u l-ponta 3.

Subżona 2:

(a) Il-linji dritti bejn il-pari tal-ponot 4-5, 5-6 u 6-7;

(b) Imbagħad il-linja dritta bejn il-ponta 7, il-ponta 8, u l-intersezzjoni mal-fruntiera nazzjonali;

(c) Imbagħad mill-punt ta' intersezzjoni speċifikat f'(b), il-fruntiera nazzjonali, sal-punt ta' intersezzjoni mal-linja dritta bejn il-ponta 10 sal-ponta 9;

(d) Imbagħad mill-punt ta' intersezzjoni speċifikat f'(c), mal-linja dritta li tgħaddi mill-ponta 9 sal-ponta 10;

(e) Fl-aħħar nett il-linja dritta bejn il-ponot 4 u 10.

Subżona 3:

(a) Il-linja dritta bejn il-ponta 11, il-ponta 12 u l-punt ta' intersezzjoni mal-fruntiera nazzjonali;

(b) Imbagħad mill-punt ta' intersezzjoni speċifikat f'(a), mal-fruntiera nazzjonali sal-punt ta' intersezzjoni mal-linja dritta bejn il-ponta 14 u ponta 13;

(c) Imbagħad mill-punt ta' intersezzjoni speċifikat f'(b), mal-linja dritta li tgħaqqad il-ponta 13 mal-ponta 14;

(d) Fl-aħħar nett il-linja dritta bejn il-ponot 11 u 14.

Il-koordinati tal-ponot li huma msemmija hawn fuq huma kif ġej:

Ponta	X	Y
1	94259,16	403789,01
2	115338,00	413678,55
3	115338,00	394385,00
4	151430,00	375600,00
5	187645,93	375600,00
6	189000,00	373000,00
7	200000,00	345240,00

Ponta	X	Y
8	186348,33	346409,26
9	161687,62	367888,20
10	161200,00	368960,00
11	81356,61	393032,82
12	88243,54	386478,77
13	85075,98	385468,13
14	79247,02	385291,29

Il-ponot imsemmija hawn fuq huma definiti permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-Sistema Nazzjonli ta' Trijangulazzjoni (Rijks Driehoeksmeting, RD).

Abbażi ta' din id-deskrizzjoni taż-żona, l-erja tas-superfiċje hija 941 km^2

B'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar l-Attivitajiet tal-Minjieri (*Mijnbouwwet, Staatsblad* 2002, Nru 542), il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni b'dan qed jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni ta' kompetizzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar tal-idrokarburi fiż-żona deliminata bil-punti u l-koordinati msemmija hawn fuq.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni huwa l-awtorità kompetenti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stabbiliti fl-Att dwar l-Attivitajiet tal-Minjieri (*Mijnbouwwet, Staatsblad* 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul it-13-il ġimgħa ta' wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu fl-indirizz li ġej:

De minister van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie
ter attentie van de heer P. Jongerius, directie Energiemarkt
ALP A/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
NEDERLAND

L-applikazzjonijiet li jaslu wara li jiskadi dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mit-tmiem ta' dan il-perjodu

Aktar tagħrif jista' jinkiseb billi ċċempel lis-Sur E. J. Hoppel fuq in-numru tat-telefown li ġej: +31 703797762.